**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 620/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Daniel Micallef**
**(ID 156994(M))**

**Illum: 30 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Daniel Micallef** ta' 19-il sena, iben Roger u Michelle nee` Muscat, imwieled il-Pieta` nhar il-31 ta' Marzu 1994, residenti ġewwa Qawra Point, Block 5, Ras il-Qawra, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 156994(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Mejju 2013 u matul l-aħħar xhur ta' qabel din id-data:

a) Biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha ai termini tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

[1] Ara l-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2015 (a fol. 9 tal-proċess), minn fejn jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna u dan billi rtirat l-imputazzjoni (a) li oriġinarjament kienet tirreferi għar-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok żiedet ir-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[2]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni[3] u tal-imputat[4] u semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' trattazzjoni ulterjuri.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** jixhed illi fl-1 ta' Mejju 2013 inżamm *party* ġewwa l-istabbiliment *Numero Uno* li jinsab Ta' Qali u illi uffiċjali tal-pulizija mill-Iskwadra Kontra d-Droga kienu preżenti fuq fil-post sabiex jagħmlu *random checks* fuq il-persuni li attendew l-istess *party*. Jixhed ukoll illi ġew arrestati diversi persuni fosthom X , tfajla ta' sbatax-il sena, li twaqqfet minn PC 10 u WPC 317 u illi meta dawn għamlulha tfittxija, fil-pussess tagħha nstab pakkett tas-sigaretti li kien fih disa' *joints*, suspettati li kien fihom il-pjanta tal-*cannabis*. Jixhed in oltre illi matul l-investigazzjoni ta' X , mistoqsija dwar minn fejn kienu ġew il-*joints* u x'kienu qed jagħmlu għandha, hija wieġbet illi dawn ma kinux tagħha, iżda ta' ħabib tagħha, ċertu Daniel Micallef, ossia l-imputat odjern. Skont X , huma kienu ħbieb u hija kienet attratta lejh. Ix-xhud jgħid illi X stqarret li xi erbat ijiem qabel il-*party*, hija kienet iltaqgħet mal-imputat u dan talabaha pjaċir billi żżommlu l-pakkett tas-sigaretti bil-*joints* sakemm jitlobha tagħtihomlu lura. In oltre skont kif stqarret X , l-imputat talabha illi tħallsu €40 bħala garanzija li kienet ser tagħtih lura l-pakkett tas-sigaretti bil-*joints*. X stqarret ukoll illi beżgħet tħalli l-*joints* id-dar u għalhekk ħadithom magħha l-*party*. Jixhed ukoll illi sussegwentement X kkonfermat l-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (iżjed tard l-Onor. Imħallef) Dr. Antonio Mizzi. Huwa jżid jgħid illi wara din l-informazzjoni li nkisbet minn X , ġie esegwit mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Daniel Micallef, ossia l-imputat odjern. Jgħid illi matul tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu, la nstabu droga u lanqas

[2] A fol. 2 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 87 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol. 89 *et seq* tal-proċess.

oġġetti relatati mad-droga. L-imputat imbagħad ittieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, u hemmhekk irrilaxxja stqarrija in konnessjoni ma' dak li kienet stqarret dwaru X , wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah. Hawnhekk ix-xhud jirreferi għall-kontenut tal-istqarrija tal-imputat, li tinsab esebita fl-atti proċesswali.[5]

Mill-istqarrija ta' **Daniel Micallef**, l-imputat odjern, jirriżulta illi huwa stqarr illi ma kellux il-vizzju tal-*cannabis*, iżda xi xahrejn qabel, huwa kien pejjep *joint* tal-ħaxixa. Dakinhar kien ma' xi ħbieb u huwa ħa nifs minn *joint* li xi ħadd dawwar bejniethom. Lil X sar jafha stante li għandha tarbija mal-ħabib tiegħu, Marco. Mistoqsi jekk lil X kienx qatt taha xi *joint* tal-*cannabis* biex tpejjpu, huwa jwieġeb fin-negattiv. Mistoqsi kienx ipejjep sigaretti, huwa jgħid illi jpejjep 'Rothmans Red'. Muri l-pakkett tas-sigaretti tad-ditta 'Ronson' kontenenti d-disa' *joints*, u mistoqsi kienx qatt ra dan il-pakkett, iwieġeb fin-negattiv u jwieġeb ukoll fin-negattiv meta ġie ssuġġerit lilu illi huwa kien ta dan il-pakkett lil X xi jiem qabel ġewwa l-Qawra. Jiċħad illi talabha l-flus bħala garanzija sabiex tagħtih il-pakkett lura. La qatt abbuża minn droga oħra, la kien jaf b'xi ħadd li jixtieqlu d-deni, la kien miġġieled ma' xi ħadd u lanqas għamlulu xi vendikazzjoni. Jiċħad li huwa kien jgħir għal Marco u li ried lil X għalih jew li ffissa fuq X u jiċħad illi ltaqa' ma' X ħdejn Fra Ben xi ħamest ijiem qabel jew li għaddielha l-pakkett bil-*joints* tal-*cannabis*. Mistoqsi jekk X kinitx taf li huwa kien tiela' l-*party*, iwieġeb illi sa fejn kien jaf hu, ma kinitx taf. Mistoqsi għaliex X kienet qed tgħid illi hu taha l-pakkett bil-*joints* la darba kienu ħbieb, huwa jgħid illi ma jafx.

L-Ispettur Dennis Theuma reġa' xehed f'seduta sussegwenti fejn irrepeta l-ewwel xhieda tiegħu, u żied jgħid illi ttieħdu proċeduri fil-konfront ta' X u illi l-każ tagħha ġie deċiż u għadda in ġudikat. In oltre b'referenza għal dak esebit minn Oriana Deguara bħala Dok. OD 1[6], huwa jixhed illi dan jikkontjeni l-pakkett tas-sigaretti li kien fih il-*joints* bis-sustanza *cannabis* u li kien instab fil-pussess ta' X , liema esebit kien ġie ppreżentat fil-każ 'Il-Pulizija vs X '.[7]

2. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet vera kopja ta' proċess verbal dwar "*xhieda ta' X skont l-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fit-2 ta' Mejju 2013*", li jikkontjeni l-istqarrija

[5] Ara din l-istqarrija a fol. 3 u 3A tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma tinsab a fol. 29 sa 33 tal-proċess.
[6] Ara l-paragrafu 3, iżjed 'l isfel.
[7] Ara a fol. 39 sa 42 tal-proċess.

rilaxxjata mill-istess **X** lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-1 ta' Mejju 2013, fl-10.30 p.m., ossia ftit tal-ħin wara li ġiet arrestata, kif ukoll ix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi tat-2 ta' Mejju 2013, fejn ikkonfermat ukoll il-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija.[8] Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-istqarrija ta' X lill-pulizja mhijiex kompluta stante illi t-tieni paġna tagħha hija nieqsa, liema paġna x'aktarx inqabżet meta saret il-kopja tal-proċess verbal oriġinali.

Mill-paġni tal-istqarrija li jinsabu fl-atti proċesswali tirriżulta biss deskrizzjoni, da parti ta' X , tal-persuna li hija ssemmi fl-istqarrija tagħha. Murija ritratt, hija tidentifika lill-persuna bħala Daniel Micallef ossia l-ġuvni li taha l-*joints* tal-*cannabis* ftit tal-jiem qabel, liema *joints* il-pulizija sabuhom fil-pussess tagħha dak il-lejl stess ġewwa Numero Uno. X tgħid ukoll illi Micallef qalilha li ried jifridha minn mas-sieħeb tagħha, Marco, u dan għaliex sħabu ma kinux japprovaw minn din ir-relazzjoni tagħha. Tgħid ukoll illi hija ma ħaditx il-*joints* fil-*party* sabiex tbiegħhom, iżda sabiex teħles minnhom. Mistoqsija kif kienet se teħles minnhom, hija tgħid illi kienet ser tarmihom f'*bin* ġewwa Numero Uno u mistoqsija għaliex ma ramithomx qabel waslet hemm, hija wieġbet illi l-*partner* ta' ommha wassalha sal-istabbiliment u allura ma setgħetx teħles minnhom faċilment.[9]

**X** ikkonfermat l-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fit-2 ta' Mejju 2013. Matul din ix-xhieda tagħha, hija kkonfermat l-istqarrija fl-intier tagħha u żiedet tgħid illi hija ġiet arrestata mill-pulizija fl-1 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tas-6:30 p.m., meta kienet dieħla ġewwa l-istabbiliment *Numero Uno* u ġiet imwaqqfa. Tixhed illi hija kienet fil-pussess ta' pakkett tas-sigaretti li kien fih disa' *joints*, liema *joints* tahomlha Daniel Micallef xi erba' jew ħamest ijiem qabel. Tgħid ukoll illi dan qalilha sabiex iżżommhomlu għaliex beża' li jinqabad bihom, iżda ma staqsietux minn min kien qiegħed jibża'. Mistoqsija għalfejn aċċettat li żżommhom, hija tixhed illi huwa kien ħabib tagħha u riedet tgħinu, u illi huwa qalilha li kien ser iċemplilha wara għalihom. Tgħid ukoll illi Micallef heddidha biex ma tgħid lil ħadd dwarhom, u mistoqsija kienx heddidha sabiex ma tagħtix dawn il-*joints* lil ħaddieħor, twieġeb fl-affermattiv. Mistoqsija f'hiex kien jikkonsisti dan it-theddid, hija tgħid illi għall-ewwel qalilha li kien ser jipprova jifridha minn mas-sieħeb tagħha u hi ħasbet li kien qed jiċċajta, imbagħad qalilha li jsibha. Tixhed ukoll illi talabha €40 sabiex jaċċerta ruħu li tagħtih il-*joints* lura, iżda hija ma riditx tagħtih flus wara li heddidha. Mistoqsija jekk l-imputat kienx preżenti meta marret ġewwa l-istabbiliment Numero Uno, X twieġeb "*No, I do not know if he was going to come but he wasn't there when I went*." Tgħid illi

[8] Ara a fol. 12 *et seq* tal-proċess.
[9] Ara a fol. 19 u 20 tal-proċess.

marret Numero Uno stante illi kienet ilha ma toħroġ minn qabel kienet tqila u illi l-*boyfriend* tagħha ried imur. Tgħid ukoll illi hija ħadet il-pakkett tas-sigaretti magħha fl-istess stabbiliment għaliex l-imputat baqa' ma ċemplilhiex biex tagħtih il-pakkett lura u l-*boyfriend* tagħha ma ħax gost li kienet qed iżżomm il-*joints,* u hi ħadithom magħha sabiex tarmihom hemmhekk, ġewwa *bin.* Tgħid ukoll illi ma ramithomx qabel ma waslet fl-istabbiliment għaliex baqgħet tistenna lil Micallef iċemplilha. Murija ritratt ta' ġuvni, hija tidentifikah bħala Daniel Micallef.[10]

**X** xehdet ukoll f'dawn il-proċeduri. Hija tixhed illi l-proċeduri kontra tagħha kienu ġew deċiżi definittivament u illi hija ġiet arrestata qabel ma daħlet ġewwa l-istabbiliment Numero Uno f'Ta' Qali. Tgħid illi kienu qed isiru tfittxijiet, illi hija ma kinitx tifhem bil-Malti u illi ħatfulha l-basket sabiex ifittxu fih u meta raw x'kellha, hija ttieħdet ġewwa l-*lock up*, il-Belt Valletta. Tgħid illi fil-basket tagħha, hija kellha pakkett tas-sigaretti b'disa' *joints* u nofs li kien fihom il-*marijuana.* Tgħid ukoll illi l-imputat kien tahomlha ġimgħa qabel għaliex qalilha li kien qed jaħseb li ser jinqabad bihom u talabha sabiex iżżomhomlu sal-*party*. Tgħid illi l-istess imputat kien qalilha wkoll illi jekk ma jiġix il-*party,* kellha sempliċiment tarmihom u jekk jiltaqgħu l-*party*, kellha tagħtihomlu lura. X tgħid ukoll illi hija saret taf lill-imputat tramite l-*boyfriend* li kellha dak iż-żmien, stante illi kienu ħbieb. Tgħid in oltre illi l-imputat taha dan il-pakkett ġewwa Buġibba, ħdejn *kiosk* mal-baħar. Tgħid ukoll illi huwa ma qalilhiex għalfejn kien qed jibża' li ser jinqabad, u illi hija aċċettat il-pakkett għax ħasbet li qed tgħamillu pjaċir u ma staqsietx wisq. Tgħid illi fil-frattemp, hija żammet il-pakkett fil-basket li eventwalment instab fih. Tgħid ukoll illi kienet taf x'fih il-pakkett. Tikkonferma li dak iż-żmien kellha l-problemi mal-*boyfriend* tagħha. Mistoqsija tiddeskrivi r-relazzjoni tagħha mal-imputat, tgħid illi kienu ħbieb. Tgħid illi hija ma kinitx tagħmel użu mid-droga u mistoqsija kif allura aċċettat li żżomm id-droga, hija wieġbet illi kienet taf li mhux ser tpejjep minnhom, u ħasbet li kienet ser iżżommhom għal ġimgħa u daqshekk. Tgħid ukoll illi kienet taf li dawn illegali. Ma ngħatatx flus sabiex iżżomm il-pakkett. Mistoqsija xtaqitx iżjed minn ħbiberija mal-imputat dak iż-żmien, hija twieġeb fl-affermattiv, u tikkonferma li kien għalhekk li aċċettat li żżomm il-pakkett. Tgħid illi huma ftehmu li jiltaqgħu Numero Uno, stante illi hija kienet sejra hemm mal-istess ħbieb. Tikkonferma illi hija kienet taf li kienu ser jiltaqgħu l-*party,* u illi l-imputat kien wasal qabilha. Tgħid ukoll illi qabel il-*party* hi u l-imputat tkellmu, u illi kienu jafu li kienu sejrin il-*party,* kif ukoll illi dakinhar kienu ftehmu li se jiltaqgħu hemmhekk. Meta ġiet arrestata, lill-imputat kienet għadha ma ratux u huwa kien qiegħed ġewwa diġa`. Murija

[10] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 27 tal-proċess.

l-esebit Dok. OD 1, hija tikkonferma li dan kien il-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni.

**In kontro-eżami** hija tgħid illi ma qalet lil ħadd li kellha dak il-pakkett bil-*joints* fil-pussess tagħha, lanqas lill-*boyfriend* tagħha. Tgħid ukoll illi kienet iltaqgħet mal-*boyfriend* tagħha matul dik il-ġimgħa. Dak iż-żmien kienet tgħix mar-raġel ta' ommha, iżda ma qalet xejn u żammet il-pakket fil-basket fil-kamra tagħha.[11]

3. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, ippreżentat esebit bin-numru SB/137/2014, oriġinarjament esebit fil-kawża 'Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs X ' (Kawża Nru. 618/2013) bħala Dok. OD 1.[12]

4. **PC 1500 Alfred Cutajar** jixhed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnu wara li l-istess imputat ottjena parir legali.[13]

5. **PC 10 Trevor Cassar Mallia** jixhed illi fl-1 ta' Mejju 2013 kienu qed isiru tfittxijiet fuq diversi persuni ġewwa l-istabbiliment *Numero Uno*. Waqt li kienu qed isiru dawn it-tfittxijiet huwa nnota tfajla li bdiet taġita ruħha u daħħalha fil-kamra fejn isiru t-tfittxijiet. Jixhed illi WPC 317 għamlet tfittxija fuq it-tfajla u fil-basket tagħha nstab pakkett sigaretti tad-ditta 'Ronson', li kien fih disa' *joints* suspettati *joints* tal-*cannabis* u żewġ nofsijiet. It-tfajla, li kien jisimha X , ġiet arrestata. Muri Dok. OD 1, ix-xhud jidentifika l-kontenut tiegħu bħala l-pakkett tas-sigaretti 'Ronson' li nstab fuq X u illi ġie elevat mill-basket tagħha minn WPC 317, fil-presenza tiegħu.[14]

6. **WPC 317 Alishia Mamo** tixhed illi fl-1 ta' Mejju 2013 waqt li kienet xogħol ġewwa l-istabbiliment Numero Uno, għamlet tfittxija fuq tfajla, ċertu X , li ġiet imwaqqfa wara li dehret aġitata. Magħha kien hemm PC 10. Waqt din it-tfittxija, fil-basket ta' X , instab pakkett tas-sigaretti li ġo fih kien hemm disa' sigaretti suspettati *joints* u żewġ nofsijiet ta' *joints*. Hija tgħid illi dak il-ħin it-tfajla ngħatat id-drittijiet u ġiet skortata lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Tgħid ukoll illi t-tfajla kkoperat bis-sħiħ mal-pulizija u wieġbet li dak il-pakkett ma kienx tagħha. Murija l-esebit Dok. OD 1, hija tagħraf it-*tag* li kienet saret minnhom meta nstab il-pakkett tas-sigaretti, kif ukoll l-istess pakkett.[15]

---

[11] Ara din ix-xhieda a fol. 53 sa 64 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 37 u 38 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 43 u 44 tal-proċess.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 45 sa 47 tal-proċess.
[15] Ara din ix-xhieda a fol. 49 sa 52 tal-proċess.

7. Mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut**[16], jirriżulta illi huwa ngħata għall-analiżi tiegħu *envelope* kannella immarkat S/B/137/2014 li fih kien hemm borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm:

   i) karta bil-kliem: Data 1-5-13 Ħin 18:30 Elevat/i minn ġol-basket fil-preżenza ta' X minn WPC317 u PC10;

   ii) kaxxa tas-sigaretti li fiha 11-il *joint*.

   Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda s-segwenti:

   a) Illi fuq estratti meħuda mill-*joints* fid-dokument hawn fuq imsemmi, instabet is-sustanza *Tetrahrydracannabinol* ġo 10 minn 11-il *joint*. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[17]

Da parti tiegħu, l-imputat **Daniel Micallef** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi fl-1 ta' Mejju 2013 kien jinsab il-*party* ġewwa l-istabbiliment *Numero Uno,* flimkien mal-ħbieb tiegħu Steven, Marco u ħabib ta' Marco, li qatt ma kien rah qabel. Waqt li kienu qegħdin jiddevertu, Marco rċieva telefonata u sar jaf li X, it-tfajla ta' Marco, ġiet arrestata. Hekk kif ġara dan, l-imputat u sħabu maru jfittxuha biex jippruvaw ikellmuha, iżda skoprew li kienet diġa` ttieħdet ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Minn hemm, irritornaw lura lejn id-dar għax tilfu l-gost wara dak li ġara. Jixhed ukoll illi l-għada huwa mar l-iskola u waqt l-aħħar lezzjoni ċemplitlu ommu, staqsietu kienx kollox sew, għal-liema huwa wieġeb fl-affermattiv u x'ħin wasal id-dar huwa sab il-pulizija. Jgħid illi saritlu tfittxija fil-kamra u anke fil-pakkett tas-sigaretti li kellu fuqu, iżda ma sabu xejn. Jgħid ukoll illi minn hemm ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-pulizija. Jgħid in oltre illi dakinhar tal-1 ta' Mejju 2013, lil X huwa ma kienx raha l-*party*. Jiċħad illi ltaqa' magħha Buġibba u li għaddielha d-droga.

**In kontro-eżami** l-imputat jixhed illi huwa u Marco kienu ħbieb sew, iżda peress illi dak iż-żmien kienu bdew jaħdmu u anke għaliex Marco u X kellhom tarbija, ma kinux jiltaqgħu daqshekk ta' spiss. Jgħid illi ġieli ltaqa' ma' X wkoll, flimkien ma' Marco. Jgħid ukoll illi hu u X ma kinux ħbieb, iżda kien jafha għaliex kienet it-tfajla tal-ħabib tiegħu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi inċident bejnu u bejn X qabel ġara dan kollu, huwa jwieġeb fin-negattiv u mistoqsi kinux iġġieldu jew

[16] Ara x-xhieda a fol. 69 u 70 tal-proċess u r-relazzjoni esebita bħala 'Dok. GS' a fol. 71 *et seq* tal-proċess.
[17] Ara a fol. 71 *et seq* tal-proċess.

kienx iġġieled ma' Marco, ukoll iwieġeb fin-negattiv. Mistoqsi għalfejn X kienet qalet dawn l-affarijiet fuqu, huwa jgħid illi ma jafx.[18]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni qed tistrieħ unikament fuq ix-xhieda ta' X .

Fir-rigward il-Qorti ser tibda sabiex tqis id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw xhieda ta' din ix-xorta. Huwa evidenti illi l-każ tal-Prosekuzzjoni huwa mibni interament fuq ix-xhieda ta' X, ossia kemm fuq ix-xhieda tagħha *a tempo vergine* meta xehdet u kkonfermat l-istqarrija rilaxxjata minnha lill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi nhar it-2 ta' Mejju 2013, kif ukoll ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kodiċi, imbagħad, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena msemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deċiża fid-9 ta' Lulju 2003).

L-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid ukoll illi:

> (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.
>
> (2) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat f'xi reat kontra din l-Ordinanza jew kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li jinstema' quddiem il-ġurati jkun persuna kompliċi, il-qorti għandha tagħti direzzjoni lill-

[18] Ara din ix-xhieda a fol. 78 sa 84 tal-proċess.

> ġurija biex jiżnu x-xhieda tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.

L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, in oltre jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi.

Jirriżulta mill-provi prodotti illi X  nstabet fil-pussess ta' pakkett tas-sigaretti tal-marka 'Ronson' li kien jikkontjeni ħdax-il *joint* – tnejn minnhom nofsijiet – għaxra mil-liema *joints* kienu jikkontjenu s-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut. Kemm matul l-istqarrija rrilaxxjata minnha lill-Pulizija Eżekuttiva u fix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. A. Mizzi, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, hija ndikat lill-imputat odjern bħala l-persuna li kien għaddielha dawn il-*joints*.

Permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-*cannabis* kollha, jew biċċa minnha, fil-waqt illi permezz tal-imputazzjoni (b), huwa qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza għall-1 ta' Mejju 2013 u l-aħħar xhur ta' qabel din id-data.

Mill-provi prodotti, ma jirriżultax illi l-imputat instab fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* la nhar l-1 ta' Mejju 2013 u lanqas l-għada meta ġie arrestat, iżda X tallega illi l-imputat kien fil-pussess tal-*joints* kontenenti l-*cannabis* xi jiem qabel l-1 ta' Mejju 2013, meta għaddihom lilha f'pakkett tas-sigaretti sabiex iżżommhomlu. Huwa għalhekk illi l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha.

F'dan il-każ, il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti – mill-banda l-waħda dik ta' X , li tallega illi kien l-imputat odjern illi għaddielha l-*joints* in kwistjoni, u mill-banda l-oħra dik tal-imputat odjern, li jiċħad kemm *a tempo vergine* fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi huwa għadda l-pakkett tas-sigaretti bil-*joints* tal-*cannabis* lil X .

Eżaminati x-xhieda ta' X quddiem il-Maġistrat Dr. A Mizzi u x-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis illi filwaqt illi X dejjem indikat lill-imputat

odjern bħala l-persuna li għaddielha l-*joints* misjuba fil-pussess tagħha, madankollu l-verżjoni tagħha tal-fatti ma kinitx konsistenti.

Fix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi, X tgħid illi hija aċċettat li żżomm il-pakkett bil-*joints* għaliex l-imputat kien ħabib tagħha u riedet tgħinu. Tixhed in oltre illi Micallef heddidha biex ma tgħid lil ħadd dwarhom, u mistoqsija kienx heddidha sabiex ma tagħtix dawn il-*joints* lil ħaddieħor, twieġeb fl-affermattiv. Dwar it-theddid, hija tgħid illi għall-ewwel qalilha li kien ser jipprova jifridha minn mas-sieħeb tagħha, imbagħad qalilha li jsibha. Tixhed ukoll illi talabha €40 sabiex jaċċerta ruħu li tagħtih il-*joints* lura, iżda hija ma riditx tagħtih flus wara li heddidha. Fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, madankollu, X la ssemmi l-allegat theddid da parti tal-imputat, u lanqas illi dan kien talabha xi flus sabiex jaċċerta ruħu li tagħtih il-*joints* lura. Tixhed biss illi hija aċċettat li żżomm il-*joints* sabiex tagħmel pjaċir lill-imputat u li ma ħassbitx wisq dwar dan, filwaqt illi tgħid ukoll illi kienet attratta lejh. Dwar il-kwistjoni tal-flus, il-Qorti tqis in oltre illi m'huwiex verosimili illi l-imputat talabha tagħmillu pjaċir billi żżommlu d-droga, imbagħad talabha l-flus sabiex ikun ċert li tirritornalu d-droga lura, kif lanqas il-Qorti ma tqis verosimili illi wara li l-imputat allegatament hedded lil X , din xorta waħda aċċettat li żżomlu d-droga.

In oltre filwaqt illi fix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. A. Mizzi, X tixhed illi l-*boyfriend* tagħha ma kienx kuntent bil-fatt illi hija kienet qed iżżomm il-*joints,* fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, hija tgħid illi ma kienet qalet lil ħadd dwarhom, lanqas lill-*boyfriend* tagħha, u dan minkejja li kienet iltaqgħet miegħu matul il-ġimgħa li żammithom fil-pussess tagħha.

Il-Qorti tqis ukoll illi fl-istqarrija rilaxxjata minnha, X tgħid illi hija ħadet il-*joints* magħha fil-*party*, sabiex teħles minnhom billi tarmihom f'*bin* fl-istess stabbiliment. Dwar dan, il-Qorti tqis illi li kieku X riedet verament teħles mid-droga, ma kinitx toqgħod tistenna sal-*party* biex teħles minnhom f'*bin* fl-istabbiliment. Tgħid in oltre illi ma ramithomx qabel għaliex wassalha l-*partner* ta' ommha u allura ma setgħetx taqbad u teħles minnhom.

Mill-banda l-oħra quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi, filwaqt illi tirrepeti li kienet se tarmihom ġewwa '*Numero Uno'*, tgħid illi ma remiethomx qabel għaliex hija stenniet li l-imputat iċemplilha lura dwarhom.

Imbagħad fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, imkien ma tgħid illi ħadithom magħha ġewwa *Numero Uno* bl-intenzjoni li tarmihom. Anzi tgħid illi hija kienet ftehmet mal-imputat sabiex tagħtihomlu lura fil-*party* u illi dan kien qalilha wkoll illi kemm il-darba ma jmurx il-*party,* allura kellha sempliċiment tarmihom. Apparti illi din hija l-ewwel darba li X tgħid illi l-imputat kien ta struzzjonijiet speċifiċi dwar kif kellha tgħaddilu d-droga lura u illi din il-verżjoni m'hijiex

konsistenti ma' dak li X sostniet preċedentement, il-Qorti lanqas ma tqis verosimili illi l-imputat qal lil X biex tarmi d-droga kemm il-darba ma jiltaqgħux, meta fil-pakkett instabu ben għaxar *joints* tal-*cannabis*.

Il-Qorti tqis ukoll illi filwaqt illi fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, X tixhed illi hija kienet ftehmet mal-imputat illi kellhom jiltaqgħu ġewwa l-*party* u illi kien hemmhekk li kellha tgħaddilu l-*joints* lura, kif ukoll illi kienu tkellmu dwar dan, u illi huwa kien wasal qabilha għall-*party*, fix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi, hija tixhed illi ma kinitx taf jekk l-imputat kienx ser imur il-*party*, u illi huwa ma kienx hemm meta marret hi, kif ukoll illi l-imputat baqa' ma ċemplilhiex sabiex tagħtih il-pakkett lura u li ma remitx il-*joints* qabel waslet fl-istabbiliment stante li baqgħet tistenna li jċemplilha.

Fid-dawl tal-varji inkonsistenzi bejn ix-xhieda ta' X *a tempo vergine* u x-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, kif ukoll tal-fatt illi aspetti mill-verżjonijiet tagħha lanqas ma huma verosimili, tenut kont ukoll tal-fatt illi mill-banda l-oħra l-imputat dejjem innega l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu minn X u lanqas ma nġabet xi prova li turi illi huwa kien jikkonsma l-*cannabis* – apparti nifs ta' *joint* li huwa jgħid li kien ħa ma' xi ħbieb xi xhur qabel l-inċident de quo – u ma nstab xejn fil-pussess tiegħu li jindika li huwa kien midħla tad-droga, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) ma ġietx sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), imbagħad, li tikkontempla l-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u dan ukoll b'referenza għall-1 ta' Mejju 2013 u x-xhur ta' qabel din id-data, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti magħmula fir-rigward tal-imputazzjoni (a), l-unika prova fil-konfront tal-imputat li l-Qorti tista' torbot fuqha, hija l-istqarrija tiegħu fejn huwa jgħid illi ħa nifs minn *joint* tal-*cannabis*.

Hawnhekk jeħtieġ illi l-Qorti tqis id-disposizzjonijiet introdotti fil-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li emenda d-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, in kwantu ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis*. L-Artikolu 4A(1) tal-Kapitolu 537, introdott permezz tal-imsemmi Att, jgħid hekk:

> "4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis"

Dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, li jkunu fil-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, għall-użu personali, mhumiex soġġetti għall-proċeduri kriminali quddiem din il-Qorti, jew għall-proċeduri hekk imsejjħa amministrattivi quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, u dan għaliex tali pussess illum m'għadux jikkostitwixxi reat.

Il-Qorti tqis illi għandha llum tapplika dik il-liġi illi hija l-iżjed favorevoli għall-imputat, b'dan għalhekk illi la darba l-fatt li l-Qorti għandha quddiemha llum ma jikkostitwixxix reat, allura huwa ser jiġi lliberat ukoll minn din l-imputazzjoni.[19]

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Daniel Micallef** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga Dok. OD 1 (SB/137/2014), hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem ix-xhud X  stante li kienet minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[19] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Martin Cassano**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Settembru 2017 u **Il-Pulizija vs Agostino Bugeja**, Qorti Kriminali, Vol. XXIV, p. iv. p. 941.